# Dak is-16 ta' Jannar ta' l-1941

# L-Isla midruba fl-ewwel bumbardament Ġermaniż

**Għaddew ħamsin sena minn meta l-gżejjer tagħna ġarrbu l-ewwel bumbardament Ġermaniż. Ħafna għadhom jiftakruh. Oħrajn semgħu bih mingħand nieshom. Għalkemm x'uħud kienu immaġinaw li l-gwerra ma kellhiex iddum ma tispiċċa, fil-fatt kienu tqarrqu. Il-kbir kien għadu ġej. Bil-preżenza tal-Ġermaniżi fi Sqallija, fil-bidu ta' Jannar 1941, kulħadd kien ċert li Malta ma kellhiex iddum ma tintlaqat bil-kbir.**

Minn
Alexander Bonnici
O.F.M. Conv.

**L-ajruplani msejħin "Fulmars" għamlu reżistenza qawwija lill-ajruplani Taljani bil-bombi fuqhom, meta dawn ippruvaw igħarrqu lill-bastimenti bi proviżjonijiet fuqhom, fil-qrib ta' Malta.**

Il-Fulmars kellhom il-bażi tagħhom fuq l-H.M.S Illustrious: bastiment navali ta' l-Ingilterra. Dan kien għadu kif inbena u ma kien jonqsu xejn minn kulma kien meħtieġ biex l-ajruplani jinżlu fuqu.

Imma l-Illustrious, fil-vjaġġ lejn Malta, intlaqat għal sitt darbiet mill-Ġermaniżi. Min-kejja d-difiża u l-protezzjoni qawwija, 126 persuna ta' l-ekwipaġġ sfaw maqtulin u 91 midrubin. L-Illustrious daħal fil-Port il-Kbir ta' Malta fl-10 ta' Jannar bi ħsarat kbar fuqu.

Għal xi raġuni, li setgħet kienet it-temp ikraħ ta' dak iż-żmien, il-Ġermanizi ma baqgħux isegwu lill-Illustrious. B'hekk, ħadu ftit tan-nifs. Kien hemm ftit ċans biex idewwu lill-midrubin, u jagħmlu tit tiswijiet. Ix-xogħol, ma waqaf xejn għaliex kienu jafu li, minn mument għall-ieħor, il-Ġermaniżi kienu mistennija jagħmlu l-ewwel attakk tagħhom fuq Malta.

## TINWIĦ TA' SIRENA

**Fis-16 ta' Jannar, kmieni wara nofs in-nhar, kwantità kbira ta' ajruplani Ġermaniżi dehru jittajru lejn Malta għall-ewwel darba.**

Kif tfaċċaw f'xefaq l-orizzont, it-tinwiħ tas-sirena malajr wissa lill-Maltin bil-bumbardament li kien ġej. Għalhekk, it-twerwir tan-nies tal-Kottonera kien xi ħaġa tal-għaġeb. Sofrew ħafna l-Isla, il-Birgu u Bormla. Hawn se niktbu dwar l-Isla biss.

Ħafna kienu reġgħu ġew lura; għalhekk, il-popolazzjoni reġgħet kienet kbira. B'diffikultà kbira, huma ppruvaw isibu fejn ideffsu rashom. L-attakk beda kif qabżu s-sagħtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar. Dak il-ħin, ma' l-ewwel theżżiża, l-arloġġ tal-knisja parrokkjali waqaf, u baqa' xhieda tal-bidu ta' dawk il-mumenti tal-biża'.

## XITA TA' BOMBI

Bdiet niżla xita ta' bombi. Intlaqtu t-tarzna u ħafna bini. Imma l-Illustrious bilkemm intmisset. Trabijiet u dħaħen difnu t-tlett ibliet tal-Kottonera. Waqgħu ħafna djar. X'uħud sfaw maqtulin u kien hemm dawk li nqabdu taħt ħafna ġebel, bla ma lanqas jafu kif baqgħu ħajjin. Ħafna tilfu kulma kellhom.

L-Arċipriet ta' l-Isla, il-Kan. Dun Manwel Brincat, u s-sagristan Ġiljan Camilleri stkennew fil-knisja parrokjali stess. Magħhom, huma kellhom tlett itfal, li ġrew minnufih lejn il-knisja minn fuq iz-zuntier malli nstemgħu l-ewwel splużjonijiet tal-bombi li bdew neżlin. Ilkoll stkennew fl-ispazju ta' ġol-ħajt tad-daħla tas-sagristija, fejn kienet tqiegħdet l-istatwa tal-Bambina.

## IL-KNISJA TITHEŻŻEŻ

**Dak in-nhar tas-16 ta' Jannar, 1941, il-knisja parrokkjali ta' l-Isla sofriet bil-kbir. Meta l-knisja kienet għadha ma bdietx tiġġarraf, splodiet bomba fuq in-naħa ta'warajha, tajret in-naħa ta' fejn kien hemm l-artal tal-Madonna tal-Katina, u l-kwadru sar frak.**

L-Arċipriet u dawk li kienu jistkennu miegħu fil-knisja twerwru minħabba l-bombi li nstemgħu neżlin waħda f'waħda. L-art bdiet titheżżeż, u għajnejhom bdew jitgħammxu bil-berqiet tal-bombi li ma qatgħux.

B'rogħda kbira fuqhom, ilkoll bdew igħidu r-rużarju u, malli jispiċċawh, jerġgħu jibdewh. Meta, ilmbagħad, is-sirena tat is-sinjal li l-attakk kien waqaf, huma ħarġu minn posthom u bdew jaraw b'għajnejhom x'kien ġara.

Bomba kienet niżlet u splodiet ġo l-awla kapitulari, u qerditha għal kollox. Intlaqat direttament u waqa' l-oratorju tas-Sagrament. Ġrat ħsara kbira lill-kappellun tar-Rużarju. Waqgħet il-kappella tas-Sagrament, iddedikata lill-Immakulata.

L-Arċipriet qasam minn fuq il-ġebel imwaqqa' minn ġot-trab, biex ineħħi s-sagrament mit-tabernaklu halli jieħdu fix-*shelter* ta' biswit il-knisja.



Triq iż-Żewġ Mini — Ir-Re George V waqt iż-żjara tiegħu fl-Isla flimkien ma' Mons. Emm. Brincat jaraw it-tiġrif u l-ħsarat li ġarrbet l-Isla

## KANONKU MAQTUL

Dak in-nhar, 21 persuna fl-Isla sfaw maqtulin. Fosthom, kien hemm il-Kan. Dun Ġwann Thewma, qassis żagħżugħ u għaref, professur tal-Liturġija fl-Università ta' Malta. Hu kien mar f'Ħ'Attard malli bdiet il-gwerra, u kien qed jaħdem f'dik il-parroċċa. Imma kien reġa' lura lejn l-Isla għal ftit mistrieħ.

Waqt il-bumbardament, hu niżel għall-kenn flimkien ma' niesu fil-kantina ta' daru. Imma bomba ġiet fuq daru, u baqa' mirdum flimkien ma' żewġ qraba tiegħu.

Fost oħrajn, kienu mietu Tonina u Willie Farrell flimkien ma' ġara li marret għall-wens fid-dar tagħhom waqt il-bumbardament. Sabuhom mirdumin taħt muntanja ġebel u trab. L-Arċipriet kien mudell ta' ragħaj għaliex ma warrabx mill-Isla. Ta l-faraġ nisrani lil dawk li kellhom bżonnu. Qal ukoll it-talb ta' l-aħħar fuq dawk li nqalgħu mejtin minn ġo djarhom.

## ESPERJENZA LI MA TINTESIEX

Dik il-ġurnata kellha konsegwenzi tremendi. Imma dehret ukoll id-dedikazzjoni ta' dawk li baqgħu ħielsa. X'uħud, b'mod kważi mirakuluż, ġew meħlusin minn nies qalbiena li ħadmu bla mistrieħ biex itaffu n-niket tal-poplu mġarrab ta' l-Isla. Sakemm baqgħu jsiru jafu li kien hemm nies neqsin, it-tiftix qalb il-ħerba baqa' sejjer. Tnax-il persuna fl-Isla ġew meħlusin wara li kienu ilhom 48 siegħa midfunin taħt ġebel u trabijiet f'kantina fi Triq iż-Żewġ Mini.

Żgur li min ġarrab dik l-esperjenza ma jinsihiex. Ħafna minn dawk li ħelsuha ħafif, kontra qalbhom reġgħu evakwaw mill-Isla. Ħarġu mill-mina tal-maċina u minn ġot-tarzna għax il-mina l-kbira kienet imblukkata u Triq Mons. Panzavecchia sfat imħarbta. Imma kien hemm dawk li mill-Isla ma ħarġu qatt. Fost dawn, kien hemm l-Arċipriet Brincat.

## MONUMENT TA' TIFKIRA

Il-lum, l-Isla, wara ħamsin sena, qek tħejji monument b'disinn ta' Ġanni Bonnici biex ifakkar lil dawk kollha li mietu tul is-snin tal-gwerra. Fl-Isla, il-vittmi kollha kienu xi tmenin. L-ismijiet tagħhom se jidhru fin-naħa ta' isfel ta' dan il-monument. Ikun lest ftit xhur oħrajn.

Minbarra l-bumbardament tas-16 ta' Jannar, 1941, kien hemm ħafna oħrajn fuq l-Isla. L-iżjed tnejn ħorox kienu dawk tad-19 ta' Jannar, 1941, u ta' April, 1942.

## STEDINA GĦAL KONĊELEBRAZZJONI MA' L-ARĊISQOF

**Il-lum l-Erbgħa, 16 ta' Jannar, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jmexxi konċelebrazzjoni fil-Bażilika-Kolleġġjata ta' l-Isla, fis-6.30 ta' fil-għaxija. Miegħu, f'din il-quddiesa tal-mejtin b'suffraġju għal dawk li mietu fil-gwerra, se jqaddsu l-kanonċi, il-qassisin Sengleani, u dawk kollha li jħossu li għandhom jingħaqdu magħhom biex jitolbu għal nieshom u ħbiebhom.**

In-nies tal-parroċċa ta' l-Isla u s-Sengleani mxerrdin ma' Malta żgur li ma humiex se jonqsu milli jingħaqdu ma' l-Arċisqof ta' Malta, biex, flimkien miegħu u mal-kleru, jitolbu għall-mejtin tagħhom halli Alla jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem, u jbiegħed minn fuqna l-qerda li ġġib il-gwerra.